

V  
(Avviżi)

## PROCÉDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Il-Każ M.7761 — Permira/OTPP/GFKL Group/Lowell Group)  
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata  
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)  
(2015/C 303/05)**

1. Fl-4 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha Permira Holdings Limited ("Permira", Guernsey), permezz tas-sussidjarja tagħha Garfunkelux S.à.r.l, u Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP", il-Kanada) jakkis-taw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Metis Bidco Limited u sussidjarji li huma kompletament proprjetà tagħha (flimkien "Lowell Group", ir-Renju Unit) u ta' Garfunkelux Holdco 1 S.à.r.l. u s-sussidjarji li huma kompletament proprjetà tagħha (flimkien "GFKL Group", il-Ġermanja).
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - Permira: ditta ta' ekwidità privata attiva fvarjetà ta' setturi li għandhom potenzjal għat-tkabbir u l-iżvilupp, globalment,
  - OTPP: korporazzjoni mingħajr kapital azzjonarju responsabbi għall-amministrazzjoni ta' benefiċċi tal-pensjoni u l-investimenti ta' assi ta' fondi tal-pensjoni fissem l-għalliema fil-Kanada,
  - GFKL Group: fornitur ta' servizzi ta' rkupru tad-dejn tal-konsumaturi u li jopera fil-Ġermanja,
  - Lowell Group: fornitur ta' servizzi ta' rkupru tad-dejn tal-konsumaturi u li jopera fir-Renju Unit.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> ta' min wieħed jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7761 — Permira/OTPP/GFKL Group/Lowell Group, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.